V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8721 — Owens Corning/Paroc)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 444/11)

1. Fil-15 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Owens Corning Finland Oy (il-Finlandja), ikkontrollata minn Owens Corning (l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Paroc Group Oyj (il-Finlandja), ikkontrollata minn Parry I Holding AB (l-Isvezja).

Owens Corning Finland Oy takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Parry I Holding AB kollha kemm hi u b'hekk anki tas-sussidjarja tagħha Paroc Group Oyj.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— l-impriża Owens Corning: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' soqfa, iżolament u taħlit (composites) tal-fibre glass,

— l-impriża Paroc Group Oyj: il-produzzjoni u l-provvista ta' materjali ta' iżolament tas-suf minerali għall-iżolament tal-bini (applikazzjonijiet termali, kontra n-nirien u akustiċi f'kostruzzjonijiet residenzjali u kummerċjali) u iżolament tekniku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8721 — Owens Corning/Paroc

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").